Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 547/2012AE

**Matsurv & Associates Limited**

**Vs**

**Jamar Limited u b'digriet tad-9 ta' Novembru 2012 l-isem tas-socjeta konvenuta gie sostitwit bl-isem Jamar Malta Limited u b'digriet tat-8 ta' April 2013, l-isem tas-socjeta konvenuta gie sostitwit bl-isem Jamar Limited u giet kjamata fil-kawza Jamar Malta Limited**

L-Erbgha, 25 ta' Mejju 2016.

Is-socjeta attrici appellat minn zewg sentenzi tat-Tribunal ghal Talbiet Zghar tas-27 ta' Frar 2014 u tas-6 ta' Mejju 2014, li bihom it-Tribunal:

i. fl-ewwel sentenza ddikjara li l-azzjoni attrici kienet preskritta fir-rigward tas-somma €999.74 filwaqt li cahad l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni fir-rigward tas-somma ta' €231;
ii. fit-tieni sentenza kkundanna lill-konvenuti jhallsu s-somma ta' €231, bl-imghax mid-data tal-fattura.

L-aggravji tal-attrici huma li:

1. L-Artikolu 2149(c) tal-Kodici Civili ma japplikax ghall-konvenuti, li huma socjetajiet kummercjali;
2. Kien hemm ammissjoni tal-konvenuti li l-invoices datati 4 ta' Novembru 2009 u 5 ta' Novembru 2009 hu dovut hlas. Il-prova li l-azzjoni hi preskritta kellha ssir mill-konvenuti.
3. It-Tribunal ma qiesx l-ispejjez li ghamlet l-attrici u ordna li l-ispejjez jibqghu bla taxxa.

Il-konvenuti wiegbu fejn taw ir-ragunijiet ghalfejn is-sentenza tat-Tribunal kellha tigi kkonfermata, b'mod partikolari li l-Artikolu 2156(f) tal-Kodici Civili ma kienx japplika ghall-kaz in ezami iktar u iktar meta dik l-istess disposizzjoni tipprovdi li tapplika *"meta l-kreditu ma jkunx jaqa', skond din il-ligi jew ligijiet ohra, taht preskrizzjoni aqsar…."* Ziedet targumenta li s-servizz li nghata mis-socjeta konvenuta kien xoghol ta' surveying li hu servizz professjonali li jrid jinghata minn persuna li ghandha tahrig professjonali sabiex taghmel dak ix-xoghol. Inoltre, l-ammont li tippretendi l-attrici ma jirraprezentax kreditu wiehed izda numru ta' krediti separati li s-socjeta ghazlet li tfittex ghalihom f'kawza wahda.

**Fatti**.

Il-fatti rilevanti huma:-

1. L-attrici pprovdiet servizz ta' *surveying* ta' proprjeta fuq inkarigu ta' Jamar Limited.
2. Fid-9 ta' Frar 2010 l-attrici harget l-ewwel kont ghas-somma ta' €941.64 b'riferenza ghal xoghol li sar gewwa showroom fl-Msida. Fil-kont hemm rendikont tad-dati meta sar ix-xoghol, fil-perjodu bejn it-12 ta' Ottubru 2009 u 5 ta' Novembru 2009. Fit-30 ta' Marzu 2010 harget it-tieni invoice ghal xoghol li sar gewwa Fleur de Lys.
3. Fit-8 ta' Awissu 2012 l-attrici pprezentat il-kawza. Ghalkemm fl-avviz tat-talba l-attrici ddikjarat li kienet ipprezentat ittra ufficjali *ai termini* tal-Artikolu 166A tal-Kap. 12, minkejja li dak l-att kien rilevanti biex tirribatti l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni baqghet ma pprezentatx kopja tieghu. Ghalhekk qal sew it-Tribunal li *"L-ewwel att gudizzjarju li jirrizultalu t-Tribunal huwa sewwasew it-talba odjerna, liema talba giet prezentata fit-8 t'Awissu 2012."*

**<u>Konsiderazzjoni</u>**.

1. L-Artikolu 2149(c) tal-Kodici Civili jipprovdi li hi preskritta bl-eghluq ta' sentejn: *"l-azzjonijiet tal-avukati, prokuraturi legali, nutara, arkitetti u inginieri civili, u persuni ohra li jezercitaw professjonijiet jew arti liberali ohra, ghad-drittijiet taghhom u ghall-ispejjez li jkunu ghamlu."*. It-Tribunal qal li l-attrici tikkwalifika bhala professjonist wara li osserva:

   *"... il-professjonista huwa persuna li jehtieg certa hiliet, studju, tahrig biex jista' jwettaq ix-xoghol tieghu. Professjoni timplika tahrig fil-qasam partikolari u xi drabi f'specjalizzazzjoni..... Il-land surveyor huwa professjonist? Fil-fehma ta' dan it-Tribunal fl-affermattiv, ghaliex ma jistax kwalunkwe bniedem jaghmel dan ix-xoghol minghajr ma jkun studja u tharreg fih. Jirrizulta li f'dan il-kaz il-Perit, li huwa certament professjonista, ma setax jaghmel dan ix-xoghol, izda htieglu li jqabbad professjonista iehor biex iwettqu minhabba l-partikolarita tax-xoghol. Illi ghaldaqstant, hija fehma ta' dan it-Tribunal,* ***li din l-azzjoni hija azzjoni ta' persuna li tezercita professjoni ghad-drittijiet taghha, u li ghaldaqstant tinkwadra ezattament taht l-artiklu preskrittiv sollevat mis-socjeta konvenuta."*** (enfazi mizjuda).

   Il-qorti ma taqbilx. L-attrici mhi tezercita l-ebda professjoni. Hi socjeta kummercjali. Il-professjonist u l-persuna li tezercita arti liberali ohra, huma persuni fizici. L-Artikolu 2149(c) tal-Kodici Civili jitratta l-azzjoni li ssir mill-professjonist u l-persuna li tezercita arti liberali. Huma l-impjegati tal-attrici, cjoe' l-*land surveyors* li fizikament jaghmlu x-xoghol, li huma l-professjonisti. Fic-cirkostanzi l-qorti tikkonkludi li l-Artikolu 2149(c) tal-Kodici Civili ma japplikax ghall-kaz in ezami u ghalhekk (ara wkoll sentenza ta' din il-qorti, **Advantage Solutions Limited vs Melita Marine Ltd** tas-16 ta' Marzu 2016).

2. Il-qorti trid issa bilfors tikkunsidra l-meritu. Il-konvenuta llimitat ruhha biex tiddikjara li s-somma dovuta hi biss ta' €231, li mill-kont hu evidenti li ma tinkludix il-VAT. Min-naha l-ohra s-socjeta msjeha fil-kawza ddefendiet ruhha billi ddikjarat (fol. 45):

*"L-esponenti jiddikjara li huwa ma ghandu ebda konnessjoni mas-socjeta rikorrenti.*
*L-esponenti wkoll jixtieq jiddikjara li filwaqt li jixtieq jaghmel tieghu r-risposta tal-konvenut l-iehor, jikkontendi li l-ammont rikjamat mis-socjeta mhux dovut mir-rikorrenti (recte, intimata)."*

L-attrici ressqet provi li fil-fatt ix-xoghol kien sar (ara deposizzjoni ta' Mario Attard Trevisan, il-perit Pierre Farrugia u Fabio Zammit). Xehedet ukoll Catherine Azzopardi (fol. 21) li kkonfermat li kienet hi li harget il-kont lill-konvenuta. Ziedet li kienet iccempel lil Jason, li l-qorti fehemet li hu Jason Mifsud[1], u titlob il-hlas u li kien ighidilha li ser isir il-hlas. Mhu xejn car x'ghandha x'taqsam Jamar Malta Limited f'din it-tilwima. Sahansitra fir-rikors prezentat fl-1 ta' April 2013 (fol. 32), l-attrici ddikjarat li nnegozjat ma' Jamar Limited u mhux ma' Jamar Malta Limited. L-oneru tal-prova kien fuq l-attrici li turi li ghandha relazzjoni guridika mas-socjeta kjamata fil-kawza.

**Ghal dawn il-motivi tilqa' l-appell u:-**

1. **Thassar is-sentenza tas-27 ta' Frar 2014 f'dik il-parti fejn cahdet l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni u minflok tichad l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni.**
2. **Tvarja s-sentenza tas-6 ta' Mejju 2014 u:-**

   i. **Tilqa' t-talba tal-attrici u tikkundanna lill-konvenuta Jamar Limited thallas is-somma ta' elf mitejn u tletin ewro u erba' u sebghin centezmu (€1,230.74), bl-imghax jiddekorri wara t-tletin jum mid-data ta' kull wiehed mill-kontijiet[2].**

   ii. **Peress li ma sarx appell minn dik il-parti tas-sentenza li kkundannat lil Jamar Malta Limited sabiex solidalment mal-konvenuta thallas is-somma ta' €231, dik il-parti tas-sentenza hi llum gudikat. Madankollu fir-rigward tal-bilanc (€999) tilqa' l-ewwel eccezzjoni tal-imsejha fil-kawza u tilliberaha mill-osservanza tal-gudizzju.**

**Spejjez tal-attrici fiz-zewg istanzi a karigu tal-konvenuta Jamar Limited, b'dan li l-konvenuta taghmel tajjeb ghall-ispejjez taghha. Fir-rigward tal-imsejha fil-kawza Jamar Malta Limited spejjez tal-ewwel istanza jibqghu skond kif deciz fis-sentenza tas-6 ta' Mejju 2014 filwaqt li spejjez tal-appell a karigu tal-attrici.**

Anthony Ellul.

---

[1] Direttur tal-konvenuta u msejha fil-kawza.
[2] Fil-kontijiet hemm dikjarat: *"Payment terms 30 days"*, li ghall-qorti jfisser li l-attrici tat terminu ta' 30 jum biex isir il-hlas u ghalhekk matulu m'ghandux jiddekorri imghax.